# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 1.6

**Kap 1: Id-dinja sabiħa**

**Lezzjoni 1.6 – Ejja ngħinu lill-oħrajn!**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Permezz ta' *case study,* jifhmu għalfejn kulħadd għandu s-sbuħija tiegħu.
2. Jagħrfu jitolbu għal dawk il-persuni li ma jarawx il-ħajja sabiħa.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- L-istorja ta' Martha u Emanuela.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal: Tiftakru f'xi kwalitajiet sbieħ li semmejna s'issa?



- Għinhom jaħsbu ftit fil-ħbieb tagħkom -
    - X' jagħmlu tajjeb il-ħbieb?
    - X' tagħmel tajjeb inti sabiex tara lil ħbiebek kuntenti?
- Niżżel fuq il-bord dak li jsemmu t-tfal.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Aqra l-istorja dwar Martha u Emanuela. L-ewwel aqra l-istorja kollha lit-tfal. Imbagħad aqra u ieqaf wara kull paragrafu u staqsi xi mistoqsijiet sabiex tara li kulħadd qed isegwi u jifhem.
- Staqsi wara l-ewwel paragrafu:
- Min hi Martha? Min hi Emanuela?
- X' kienet tagħmel Emanuela? It-tfal x' kienu jagħmlulha?
- Staqsi wara Par. 2:
- Xi bdiet tagħmel Martha fil-break?
- Il-ħbieb ta' Martha kif ħaduha?
- Wara ftit, xi bdew jagħmlu dawn il-ħbieb ta' Martha?



- Staqsi wara Par. 3 :
  - Xi ġralha darba Emanuela?
  - X' għamlet Martha sabiex tgħinha?
  - Kif ħassitha Martha?
- Staqsi wara Par. 4 :
  - X' tagħmel Martha meta Emanuela ma tmurx skola?
- Staqsi wara Par. 5:
  - Filgħaxija, it-tfal fejn jerġgħu jiltaqgħu?
  - Martha, kif għenet lil Emanuela l-MUSEUM?
  - Issa, kif qed tħossha Emanuela? Għadha mdejqa?
- Wara staqsi:
  - X' tgħallimtu minn din l-istorja? Fuq il-bord, niżżel dak li jsemmu t-tfal.
  - X' tgħallimna dwar il-Magħmudija? Li aħna lkoll ulied Alla u aħwa ta' Ġesu'.
  - Li kieku kien Ġesu' flok Emanuela, taħsbu li Toni kien iqattagħlu l-ktieb?
  - Taħsbu li t-tfal kienu jinkuh?
  - Taħsbu li Martha biss kienet tmur tgħin l-ewwel?
- Agħlaq il-lezzjoni billi tfakkar li aħna lkoll xbieha t'Alla u niftakru li rridu ngħinu u nħobbu lil kulħadd bħalma ħabb Ġesu'.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Alla ħalaqna differenti pero' lkoll sbieħ.
2. Alla tana l-kwalitajiet sbieħ tagħna. Ejja nużawhom sabiex ngħinu u nferrħu lil xulxin.
3. Ejja naraw lil Ġesu' fin-nies ta' madwarna u ngħinuhom u nħobbuhom bħalma jridna l-Missier.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Mhux kulħadd jgħix ferħan. L-istudenti jaħdmu sabiex jgħinu u jferrħu aktar lil ta' madwarhom.

L-istudenti jitolbu għal min hu mdejjaq.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

L-għalliema tista' taqsam lit-tfal fi gruppi u jirreċtaw sitwazzjonijiet differenti fejn juru kif tfal jistgħu jgħinu lil tfal oħra.



**Nitolbu**



Mulej, għinni sabiex jien inkun dejjem minn ta' quddiem sabiex ngħin u nferraħ lil ta' madwari. Jiena ċerta li bik miegħi żgur se nirnexxi.

L-istorja ta' Martha u Emanuela:

Martha hija tifla ta' 6 snin. Fil-klassi għandha ħafna ħbieb. Din is-sena ġiet tifla ġdida magħhom u din jisimha Emanuela. Martha nnutat li Emanuela ma tħobbx titħallat mat-tfal. Dejjem tinqata' għaliha waħedha u fil-break tmur bilqegħda ġo rokna taqra ktieb. Meta t-tfal jaraw lil Emanuela bilqegħda, imorru jinkuha u darba waħda, Toni ħadilha l-ktieb u qattagħhulha. Emanuela tgħidx kemm bkiet u waqt li t-tfal l-oħra bdew jidħku biha, Martha ħasset ħafna għaliha u ddeċidiet li tgħinha.

Fil-break, Martha ħalliet lill-ħbieb li kellha u bdiet toqgħod aktar ma' Emanuela. Lill-ħbieb spjegatilhom li se tħallihom ftit sabiex Emanuela ma tkunx aktar waħedha u huma fehmuha u wara ftit, huma wkoll offrew lil Martha u Emanuela sabiex jibdew jilagħbu magħhom. Issa Emanuela għandha aktar ħbieb u t-tfal m' għadhomx jinkuha u jidħku biha.

Darba fost l-oħrajn, Emanuela nesiet il-ħobż id-dar u ma kellhiex x' tiekol fil-break. Martha tħobb tiekol ħafna iżda dakinhar għamlet sagrifiċċju u lil Emanuela, tatha biċċa ħobż minn tagħha. Kemm ħadet gost Martha xħin rat lil Emanuela tiekol bħalha!

Meta Emanuela tkun ma tiflaħx, Martha ċċemplilha ftit id-dar u tirrakkontalha dwar xi jkunu tgħallmu u x' attivitajiet ikunu għamlu.

Filgħaxija, Martha u Emanuela jerġgħu jiltaqgħu l-MUSEUM u hemmhekk, Martha wkoll għenet ħafna lil Emanuela biex qatt ma tkun waħedha. Bis-saħħa ta' Martha, Emanuela tinsab kuntenta ħafna fl-iskola l-ġdida u issa għandha ħafna ħbieb u sejra tajjeb ħafna.